MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tat-3 ta' Ottubru, 2008

Appell Civili Numru. 246/1995/1

**Lino Debono**

**v.**

**Sammy Meilaq bhala Chairman ghan-nom u in rapprezentanza tal-Malta Drydocks, Lawrence Bilocca, Albert Degabriele u Vincent Micallef fil-kwalita` taghhom ta' membri ta' l-*ad hoc* Bord tad-Dixxiplina tal-Malta Drydocks, u Philip Buhagiar, Vincent Giuliano u Tony De Gray ilkoll bhala membri tal-Bord ta' l-ewwel Appell; u b'digriet tas-7 ta' Lulju 2004,**

**l-atti gew legittimati f'isem is-Segretarju Permanenti tal-Ministeru tal-Finanzi a tenur ta' l-Artikolu 3 ta' l-Att XV tal-2003 in rapprezentanza tal-Malta Drydocks**

**Il-Qorti:**
Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-attur li tghid hekk:
"Billi b'ittra tas-6 ta' Dicembru 1994, huwa kien gie imharrek mill-Personnel Manager, is-Sur Louis Spiteri b'akkuza li huwa kien kiser ir-regolamenti tad-dixxiplina tal-Korporazzjoni konvenuta Malta Drydocks regolament (a) Grupp l (iii) u (b) Grupp 2 (v) u dan ghal diversi drabi u minhabba f'hekk kien gie immedjatament sospiz mix-xoghol tieghu u gie imressaq quddiem ad hoc Bord tad-Dixxiplina;

"Billi fis-16 ta' Dicembru, 1994 is-Sur Louis Spiteri b'ittra indirizzata lill-attur kien infurmah li dak l-ad hoc Bord tad-Dixxiplina kien sabu hati u kkomminalu l-penalitajiet u demozzjonijiet kif specifikati fl-ittra fuq imsemmija kopja ta' liema qed tigi hawn annessa u mmarkata Dokument B;

"U billi l-attur hass ruhu aggravat b'din id-decizjoni tal-ad hoc Bord tad-Dixxiplina u b'ittra tat-18 ta' Jannar 1995, appella minn dik id-decizjoni fit-termini tar-regolamenti tal-Korporazzjoni konvenuta Malta Drydocks lill-Bord ta' l-ewwel appell;

"U billi b'ittra tas-26 ta' Jannar 1995, l-attur rega' gie infurmat mis-Sur Louis Spiteri, Personnel Manager tal-Korporazzjoni konvenuta Malta Drydocks li l-appell tieghu ma giex milqugh u s-sentenza kif moghtija lilu fl-ittra tas-16 ta' Dicembru 1994, kienet ikkonfermata;

"U billi kif kien intitolat skond ir-regolamenti ta' l-istess Korporazzjoni l-attur rega' appella fit-28 ta' Jannar 1995, u anke dan l-appell gie michud kif jirrizulta mill-ittra tal-15 ta' Frar 1995, hawn ukoll esebita u mmarkata Dokument F;

"U billi fil-proceduri li saru rigward il-kaz tad-dixxiplina ta' l-attur il-korporazzjoni konvenuta naqset li tassigura li l-kaz

tieghu jigi intrattat b 'dik l-imparzjalita` li huwa rikjest mil-ligi u in partikolari l-korporazzjoni konvenuta qabdet u ddixxiplinat lill-attur anke waqt li kienu ghaddejjin u pendenti quddiem il-Qrati proceduri intentati mill-istess attur specifikatament biex jigi assigurat lilu smigh xieraq kif kien intitolat ghalih skond il-ligi;

"U billi fil-fatt il-membri kollha ta' l-ad hoc tad-Dixxiplina kif ukoll ta' l-appelli kienu gja` ippartecipaw u wrew l-opinjoni taghhom bil-miktub li deherilhom li l-attur kien hati ta' ksur ta' dixxiplina tal-korporazzjoni konvenuta u dan anke qabel ma deher il-kaz quddiemhom u ghalhekk l-attur bl-ebda mod ma seta' jircievi smigh imparzjali jew gust quddiemhom;

"U billi lill-attur giet negata l-opportunita` ekwa u gusta li jressaq il-provi tieghu quddiem il-bord u t-Tribunali tad-dixxiplina u li jaghmel is-sottomissjoniijiet kollha tieghu rigward il-kaz;

"U billi ghalhekk jidher evidenti li l-proceduri tad-Dixxiplina mehuda kontra l-attur kienu serjament inviccjati minhabba n-nuqqasijiet fuq imsemmija specjalment minhabba l-espressjoni ta' opinjonijiet minn membri ta' l-istess Bordijiet tad-dixxiplina qabel ma instema' l-kaz tal-attur li l-attur kien hati ta' ksur tar-regolament;

"U billi kull ma sar kienet procedura intiza u kongetturata biex toskura lill-attur u ggibu f'pozizzjoni fejn huwa jinstab hati u jigi negat d-dritt tieghu ghal smigh xieraq skond il-ligi;

"Jghid l-istess konvenut nomine ghaliex ma ghandhiex dina l-Qorti tiddikjara u tiddeciedi:

"1. Li l-proceduri tal-Bord tad-Dixxiplina u t-Tribunal tal-Appell fuq imsemmija mehuda mill-Drydocks Corporation fil-konfront ta' l-attur kienu vizzjati billi ma gewx kondotti f'dik l-imparzjalita` rikjesta mil-ligi u billi l-attur ma inghatax l-opportunita` xierqa li jiddefendi l-kaz tieghu;

"2. Tiddikjara konsegwentement li d-decizjoni tal-korporazzjoni konvenuta li l-attur jigi mnaqqas fil-grad u pieni ohra lilu komminati skond ‘il fuq imsemmija decizjonijiet huma konsegwentement nulli u bla bazi fil-ligi u ghalhekk tordna r-reintegrazzjoni ta' l-istess attur fil-grad originali tieghu u t-tnehhija ta’ kull piena fuqu imposta;

"3. Tiddikjara lill-konvenut nomine responsabbli ghad-danni kollha sofferti mill-attur minhabba l-agir imsemmi.

"B’riserva ta’ kull azzjoni ohra spettanti lill-attur ghal-likwidazzjoni tad-danni, bl-ispejjez u bl-ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni."

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti li forza taghha eccepew illi:
"1. Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fil-ligi billi l-attur huwa suggett ghad-dixxiplina skond il-procedura ta’ dixxiplina vigenti fil-Malta Drydocks ghall-haddiema kollha, u inghata l-opportunita` kollha biex jispjega u jiddefendi ruhu;

"2. Illi f’kull kaz, id-dixxiplina fuq ix-xoghol hija prerogattiva tal-management mehtiega biex l-attivita` tal-korporazzjoni tista' timxi bla tfixkil.  Ma hemm ebda htiega li d-dixxiplina tigi ezercitata minn xi organu indipendenti jew imparzjali. B’dana kollu l-attur inghata smiegh xieraq u kull opportunita` xierqa biex iressaq id-difiza tieghu. Ir-relazzjonijiet bejn impjegat u l-principal tieghu huma regolati mill-ligijiet industrijali, u mill-kuntratt ta’ impjieg. F’kaz ta’ li l-impjegat ihoss li kien hemm ksur ta’ dawn ir-regoli legali jew kontrattwali huwa ghandu dritt jirrikorri quddiem it-Tribunal Industrijali, tribunal indipendenti u imparzjali;

"3. Illi l-istess attur accetta l-gurisdizzjoni u ssottometta ruhu ghall-procedura ta’ dixxiplina tal-management tal-Malta Drydocks, u ma jistax issa jattakkaha ghaliex ma jaqbilx mad-decizjoni li ttiehdet fil-konfront tieghu;

"4. Illi ghalhekk it-talbiet kollha attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra tieghu."

Rat is-sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta' Gunju 2006, li in forza taghha ddecidiet il-kawza hekk:
"tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti, tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-talba sabiex tordna r-reintegrazzjoni ta’ l-attur fil-grad originali tieghu u t-tnehhija ta’ kull piena imposta fuqu, izda tilqa’ t-talbiet attrici l-ohra fis-sens illi:

"(1) Tiddikjara li l-proceduri tal-Bord tad-Dixxiplina u t-Tribunali ta’ l-Appell fuq imsemmija mehuda mid-Drydocks Corporation fil-konfront ta’ l-attur kienu vizzjati billi ma gewx kondotti f’dik l-imparzjalita` rikjesta mil-ligi u b’hekk l-attur ma nghatax l-opportunita` xierqa li jiddefendi l-kaz tieghu;

"(2) Tiddikjara li d-decizjoni tal-Korporazzjoni konvenuta li l-attur jigi mnaqqas fil-grad u pieni ohra lilu komminati skond il-fuq imsemmija decizjonijiet huma konsegwentement nulli u bla bazi fil-ligi;

"(3) Tiddikjara lill-Korporazzjoni konvenuta responsabbli ghad-danni kollha sofferti mill-attur minhabba l-agir imsemmi.

"B’riserva ta’ kull azzjoni ohra spettanti lill-attur ghal-likwidazzjoni tad-danni. Bl-ispejjez kontra l-Korporazzjoni konvenuta."

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:
"Mill-atti tal-kawza jirrizulta li l-attur kien impjegat mal-Malta Drydocks Corporation u, wara li gie akkuzat quddiem Bord *ad hoc* tad-Dixxiplina u anke appella lil Bord jew Bordijiet ohra ta’ warajha, gie sospiz ghal sitt xhur minghajr paga u gie demoss (u jidher li wara anke gie mkecci). Wara d-decizjonijiet tal-Bordijiet intenta din il-kawza biex jitlob li dawk il-proceduri dixxiplinari kontra tieghu jigu ddikjarati nulli minhabba li kienu vizzjati min-nuqqas ta’ imparzjalita` mehtiega skond il-ligi u ghaliex ma giex moghti l-opportunita` li jiddefendi ruhu sewwa.

"Il-konvenuti jsostnu li l-attur inghata kull opportunita` li jiddefendi ruhu, li ma hemm ebda htiega li d-dixxiplina tigi ezercitata minn xi organu indipendenti u imparzjali, ghalkemm gie trattat b'mod xieraq, li r-relazzjonijiet tieghu mal-Malta Drydocks kienu regolati mil-ligijiet industrijali u l-kuntratt ta' impjieg tieghu, u li f'kaz li hassu aggravat kellu jirrikorri lit-Tribunal Industrijali.

"Ghalkemm huwa minnu illi mhux permess mil-ligi li l-Qorti tissindika d-decizjoni ta' korp kostitwit b'ligi *ad hoc* b'mod li tissostitwixxi d-diskrezzjoni moghtija lil dan il-korp bil-fehma taghha, pero` daqstant huwa rikonoxxut legalment li din il-Qorti ghandha d-dover li tissindika l-operat ta' dan il-korp jew tribunal bil-ghan li jigi accertat li dan ikun mexa skond il-ligi li kkreatu u wkoll li fl-operat tieghu gew osservati l-principji tal-gustizzja naturali, u senjatament dak li jesigi li min jinsab akkuzat b'xi nuqqas jinghata l-opportunita` ta' smigh xieraq.

"L-attur isostni illi l-akkuzi li saru kontra tieghu, kemm b'ittra tat-22 ta' Gunju 1994 kif ukoll b'ittra tas-6 ta' Dicembru 1994, kienu ntizi sabiex huwa jitnehha mill-Kunsill tat-Tarzna. B'referenza ghall-ittra tas-6 ta' Dicembru 1994 (Dok. A a fol. 6), jghid illi huwa kien diga` gie kkundannat permezz ta' risoluzzjoni mghoddija mill-Kunsill tat-Tarzna fit-3 ta' Awissu 1994. Qal illi kien sema' lil Sammy Meilaq f'intervista fuq ir-Radju Super One jsemmi siltiet minn din ir-risoluzzjoni u li l-attur kellu jitnehha mill-Kunsill ghar-ragunijiet imsemmija fl-istess risoluzzjoni. Qal illi huwa ma jistax ikollu *fair hearing* fit-Tarzna u li darba kien avvicinah Joe Sapiano, President tat-Taqsima tal-Metall, u qallu li t-Tarzna “mhux li tghid il-Qorti pero` li nghidu ahna”. Sostna illi huwa l-uniku haddiem it-Tarzna li qatt gie sospiz minghajr paga. Charles Cassar, Segretarju tat-Taqsima tal-STPSA tal-GWU, wiegeb permezz ta' ittra tas-7 ta' Dicembru u kiteb ukoll lill-Personnel Manager tat-Tarzna fid-9 ta' Dicembru 1994 (Dok. A5 a fol. 51). Fit-12 ta' Dicembru 1994 huwa kien imsejjah biex jidher quddiem il-Bord li kien kompost minn Lawrence Bilocca, Vince Micallef u Albert Degabriele. L-attur qal li t-tlieta li huma ma kellhomx ikunu fil-Bord peress illi Lawrence Bilocca stess ammetta li kien

iffirma r-risoluzzjoni filwaqt illi Albert Degabriele kien ghamel rapport kontra l-attur fl-14 ta’ Gunju 1994 u l-istess Albert Degabriele u Vince Micallef kienu membri fil-Bord tad-Dixxiplina li kien ikkundanna certu Alfred Cassar li kien gie akkuzat illi kien ippancja minflok l-attur. Huma pero` sostnew illi huma kienu mexjin skond ir-regolamenti u l-kaz fil-fatt kompla miexi. Alfred Cassar kien xhud fil-Bord tad-Dixxiplina ta’ l-attur li kkonferma stqarrija li kien ghamel u li nghatat lill-attur biss dakinhar stess mic-Chairman wara li qrahielhom. Alfred Cassar irrifjuta li jwiegeb mistoqsijiet li sarulu min-naha ta’ l-attur u c-Chairman ma geghlux jirrispondi. Il-Management ma ressaqx provi ohra. Din is-seduta kienet fil-jum tal-hamis, talbu aggornament ghat-Tnejn ta’ wara biex igibu l-provi taghhom izda c-Chairman irrifjuta ghax sostna illi kienu jafu li l-kaz kellu jinstema’ dakinhar u kellhom igibu l-provi taghhom dakinhar. Alfonso Meli li kien qed jirrapprezenta lill-attur, talab li jibda jtella’ l-haddiema, ic-Chairman irrifjuta u l-ghada l-attur ircieva sentenza fejn sab li kien gie sospiz ghal sitt xhur. Sar appell lill-Bord tal-Appell tat-Tarzna li kien kompost minn Philip Buhagiar bhala Chairman u Anthony DeGray u certu Giuliano. L-attur kompla jghid illi Philip Buhagiar kien ic-Chairman tal-Bord tad-Dixxiplina li kien hemm kontra Alfred Cassar u kien anke ffirma petizzjoni lill-Kunsill dwar il-kaz ta’ l-attur, is-Sur Giuliano ma wegibx u s-Sur DeGray qal li ma kienx fair li jaghmillu din il-mistoqsija. Qal li minkejja li ssorvolaw il-punti tal-*fair hearing* u l-fatt li l-kaz tieghu kien *sub judice* l-Qorti u minkejja li s-soltu jieqfu l-proceduri fit-Tarzna, f’dan il-kaz huwa rcieva ittra fejn giet ikkonfermata s-sentenza tal-Bord tad-Dixxiplina. Sar appell iehor permezz ta’ ittra datata 15 ta’ Frar 1995 u r-risposta kienet li l-appell mhuwiex sejjer jintlaqa’.

"Charles Cassar bazikament jikkonferma dak li qal l-attur.

"Mill-konvenuti xehdu Lawrence Bilocca u Philip Buhagiar.

"Lawrence Bilocca esebixxa l-verbali tas-seduti quddiem il-Bord tad-Dixxiplina li tieghu huwa kien ic-Chairman. Minn dawn il-verbali jirrizulta illi, ghall-oggezzjonijiet

imqajma mill-attur ghar-rikuza tal-komponenti tal-Bord, il-Bord iddecieda illi:

*"“1. The ‘Ad Hoc’ Board was duly constituted as the present case is re Mr L Debono as Senior Security Guard and not as Mr L Debono, Council member. Consequently, the Union’s objections are unfounded.*

*2. The objection to the presence of the two Board members due to their involvement in the disciplinary hearing of Mr A Cassar was also unfounded as this was a different case.*

*3. The ‘Ad Hoc’ Board was also duly constituted as the Commercial Court hearing was different to the present case.”*

"Mill-provi kollha migbura jigi osservat illi l-ewwel konkluzjoni tal-Bord tirrigwarda l-oggezzjoni avvanzata mill-attur minhabba petizzjoni li allegatament iffirmaw il-komponenti tal-Bord, fost il-maggoranza tal-haddiema kollha tat-Tarzna, sabiex l-attur jirrizenja mill-Kunsill tat-Tarzna. Kopja ta’ din il-petizzjoni ma gietx esebita u ghalhekk ma jistax jigi puntwalizzat il-kontenut taghha. Skond Lawrence Bilocca (Chairman tal-Bord ta’ Dixxiplina) u Philip Buhagiar (Chairman ta’ l-Ewwel Bord ta’ Appell), pero`, il-petizzjoni ma kellhiex x’taqsam mal-kaz li kellhom quddiemhom. Din il-Qorti difficilment tista’ tasal biex temmen illi dik il-petizzjoni ma kellhiex x’taqsam ma’ l-akkuzi li ngabu kontra l-attur quddiem il-Bord ta’ Dixxiplina koncernat. Bizzejjed issir referenza ghall-kopja ta’ ittra tal-15 ta’ Gunju 1994 (a fol. 189) mibghuta mis-Segretarju tat-Taqsima Tarznari (Metall), A. Coleiro, lil Sammy Meilaq kif ukoll ghall-fatt illi l-provi migjuba kontra l-attur kienu jikkonsistu biss f’affidavit ta’ Alfred Cassar li huwa kkonferma fis-seduta tal-15 ta’ Dicembru 1994 quddiem il-Bord ta’ Dixxiplina.

"Fir-rigward tat-tieni konkluzjoni, din il-Qorti hi tal-fehma li l-fatt li z-zewg membri msemmija kienu involuti fil-proceduri kontra l-imsemmi Alfred Cassar, ma kienx jeskludihom milli joqoghdu f’gudizzju kontra l-attur. Wara

kollox, min ikun iddecieda kaz kontra l-awtur ta’ reat jista’ xorta jiddeciedi kaz kontra l-komplici.

"Kwantu ghat-tielet konkluzjoni tal-Bord ta’ Dixxiplina, u cioe` li l-kawza li kien hemm quddiem il-Qorti tal-Kummerc kienet tirrigwarda kwistjoni differenti mill-kaz quddiemhom, ma ngabet l-ebda prova kuntrarja mill-attur.

"Dak li jirrizulta lil din il-Qorti aktar inkwjetanti, apparti l-iffirmar tal-petizzjoni minn min imbaghad ried jghaddi gudizzju fuq l-attur, hija l-prezenza ta’ Albert Degabriele fil-Bord tad-Dixxiplina. Jirrizulta illi Albert Degabriele kien involut f’investigazzjoni rigwardanti rregolaritajiet fil-clocking f’Mejju 1994 fejn l-attur stess kien ikkoncernat (ara *Internal* memorandum Dok. C a fol. 58 datat 14 ta’ Gunju 1994 intestat: SUBJECT: SENIOR SECURITY GUARD – L. DEBONO – 165810). Jigifieri l-investigatur issa sar gudikant.

"Ghalhekk huwa evidenti illi l-Bord tad-Dixxiplina mwaqqaf biex jiddeciedi dwar l-akkuzi migjuba kontra l-attur ma kienx <u>oggettivament imparzjali</u> u dan bi ksur tal-principji tal-gustizzja naturali u konsegwentement, fuq il-bazi ta’ dan biss, l-Ewwel Bord ta’ Appell kellu jilqa’ l-appell ta’ l-attur, jannulla d-decizjoni tal-Bord ta’ Dixxiplina, u jirrakkomanda li l-Bord jigi rikostitwit.

"Ghaldaqstant, stante illi l-attur ma nghatax smigh xieraq, it-talbiet tieghu jimmeritaw akkoljiment, salv li billi jirrizulta illi l-attur m’ghadux impjegat mal-Malta Drydocks, ma tistax naturalment takkolji t-talba tieghu sabiex jigi reintegrat fil-grad originali tieghu u li titnehha kull piena imposta fuqu."

Rat ir-rikors ta' l-appell tal-konvenuti kollha li in forza tieghu, ghar-ragunijiet minnhom premessi, talbu li din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza ta' l-ewwel Qorti, billi tilqa' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti appellanti u tichad it-talbiet attrici, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-attur appellat;

Rat ir-risposta ta' l-attur appellat li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnu premessi, stqarr li s-sentenza appellata hija gusta u timmerita konferma;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkunsidrat:

L-attur Lino Debono kien impjegat mal-Malta Drydocks bhala *senior security guard*. Huwa kien ukoll membru elett tal-Kunsill tal-Malta Drydocks.

B'dikjarazzjoni guramentata tal-5 ta' Dicembru 1994, Alfred Cassar, *security guard* iehor mal-Malta Drydocks stqarr li "*ftit wara li lahaq membru tal-Kunsill Lino Debono kemm-il darba talabni nippancjalu l-card tieghu. Kemm-il darba kien javzani minn qabel meta jkun imissu ta' bil-lejl bhala Senior, biex nippancjalu ... imbaghad ma kienx jidhol ghax-xoghol fejn ikun duty.*" Dwar dan il-fatt, kienu ttiehdu passi dixxiplinarji kontra l-imsemmi Alfred Cassar.

Sussegwentement, fuq din id-dikjarazzjoni guramentata, ittiehdu wkoll passi dixxiplinarji kontra l-attur Lino Debono taht l-istess regolamenti ta' dixxiplina allura vigenti fil-Malta Drydocks. Lino Debono kkontesta r-regolarita` tal-proceduri, kemm quddiem il-Bord tad-Dixxiplina, kif ukoll fl-istadju ta' l-appell quddiem il-Bord ta' l-Appell kostitwit u regolat mill-Kodici ta' Dixxiplina. Dan l-ilment tieghu kien michud fiz-zewg istanzi.

Wara d-decizjoni tal-Bord ta' l-Appell, l-attur istitwixxa dawn il-proceduri biex jattakka r-regolarita` tal-process ta' dixxiplina mniedi kontra tieghu, bl-ilment principali jkun li l-proceduri ma gewx kondotti f'dik l-imparzjalita` rikjesta mil-ligi.

L-ewwel Qorti sabet favur l-attur wara li ddecidiet li l-Bord ta' Dixxiplina ma setax jitqies imparzjali meta membru ta' l-istess bord kien involut fl-investigazzjoni ta' l-attur li

waslet biex jittiehdu l-passi dixxiplinari kontra tieghu, li minnhom issa l-attur qed jilmenta.

Il-konvenuti appellaw u ressqu zewg aggravji: (i) li ma hemm ebda dritt ta' stharrig gudizzjarju ta' amministrazzjoni interna, u (ii) li, f'kull kaz, ma kien hemm ebda ksur tal-principji tal-gustizzja naturali.

Trattat l-ewwel aggravju, din il-Qorti tiddikjara li, in linea generali, ma taqbilx li proceduri ta' amministrazzjoni interni huma, f'kull kaz, imnehhija mill-kontroll gudizzjarju. Il-principji ta' gustizzja naturali huma ta' applikazzjoni vasta, u, f'gieh il-korrettezza, ghandhom jigu segwiti kull meta tkun se tittiehed decizjoni li tolqot l-interessi ta' dak li jkun. Fil-fatt, jinghad li l-obbligu li jigu osservati l-principji ta' gustizzja naturali hu impost "*upon everyone who decides anything*" - **Board of Education v. Rice**, deciza mill-House of Lords fl-Ingilterra fl-1911, u rinforzata b'decizjoni ta' l-istess House of Lords fil-kawza **Ridge v. Baldwin**, moghtija fl-1964. Din l-ahhar kawza, fil-fatt, kienet tikkoncerna tkeccija ta' haddiem, bil-Qorti suprema Ingliza tirribadixxi li min ihaddem ma jistax ikecci persuna jekk ir-regoli ta' gustizzja naturali ma jkunux gew segwiti. Hawn mhux qed nitkellmu fuq haddiem li jkun "*unfairly dismissed*", meta, skond il-ligijiet vigenti, il-haddiem irid ifittex rimedju quddiem it-Tribunal Industrijali, izda fuq haddiem li jkun "*wrongfully dismissed*" u dan jista' jigri meta, per ezempju, min ihaddem ikun kecca haddiem, forsi ghar-ragunijiet gusti, izda billi ma jsegwix il-procedura stabbilita fil-kuntratt ta' impieg, jew fil-ftehim kollettiv applikabbli (ara **Selwyn's Law of Employment**, Butterworths, 13th Edit. pagna 367). F'dan il-kaz, huma l-Qrati ordinarji li ghandhom gurisdizzjoni jissindikaw il-process ta' dixxiplina.

Ovvjament, meta l-Qorti tigi biex tezamina jekk gewx segwiti l-proceduri ta' dixxiplina kontemplati, trid tara mhux biss li r-regoli ta' procedura kif stabbiliti jkunu formalment segwiti, izda wkoll li l-process kien wiehed '*fair*', u biex il-process ikun gust iridu jigu segwiti r-regoli ta' gustizzja naturali. Meta fi ftehim kollettiv tigi stabbilita procedura ta' dixxiplina, dak il-ftehim, li ghandu sahha ta' kuntratt bejn

min ihaddem u l-impjegat (ara **Borg noe v. Tabone noe**, deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-11 ta' Gunju 1991, u **Sammut v. Vassallo noe**, deciza minn din il-Qorti fid-19 ta' Mejju, 2000), irid jigi segwit u onorat bil-bona fidi. Id-dispozizzjonijiet ta’ dak il-ftehim jobbligaw mhux biss ghal dak li jinghad fihom, izda wkoll ghall-konsegwenzi kollha li ggib maghha l-obbligazzjoni skond ix-xorta taghha, bl-ekwita`, bl-uzu jew bil-ligi: (Artikolu 993 tal-Kodici Civili). Biex procedura ta' dixxiplina tigi esegwita bil-bona fidi u bl-ekwita`, hemm bzonn li l-process ma jkunx biss formalment korrett, izda sostanzjalment gust, ghax altrimenti jkun kaz fejn dak li sehh ikun verament kaz ta' "*going through the motions*" ghal ghajn il-ligi. La darba min ihaddem issoggetta d-diskrezzjoni tieghu li jittermina l-impieg tal-haddiema tieghu ghal procedura partikolari, <u>irid</u> isegwi dik il-procedura (ara **Gunton v. London Borough of Richmond**, deciza fl-Ingilterra fl-1981), u dan ovvjament <u>b'mod gust u in bona fidi</u>. Kwalunkwe decizjoni li tittiehed bi ksur tar-regoli ta' gustizzja naturali hija nulla u ma tiswiex, u ghandha tithassar mill-Qorti kompetenti. Kif intqal mill-House of Lords fil-kawza **General Medical Council v. Spackman**, deciza fl-1943,
*"If the principles of natural justice are violated in respect of any decision it is, indeed, immaterial whether the same decision would have been arrived at in the absence of the departure from the essential principles of justice. The decision must be declared to be no decision."*

Kwindi, l-ewwel aggravju tal-konvenuti appellanti qed jigi michud.

Dwar jekk, fil-fatt, kienx hemm ksur tal-principju ta' gustizzja naturali, din il-Qorti, fl-ewwel lok, taqbel ma' dak li osservat l-ewwel Qorti fis-sens li l-fatt li zewg membri tal-Bord kienu involuti fil-proceduri dixxiplinari kontra l-allegat komplici fil-ksur tar-regoli tal-Korporazzjoni mill-attur, ma kellux jeskludihom milli jitrattaw ukoll il-kaz ta' l-attur innifsu.

L-attur jallega wkoll li ma nghatax smigh xieraq peress li whud mill-membri tal-Bord ta' Dixxiplina u tal-Bord ta' l-Appell kienu ffirmaw petizzjoni biex l-attur jitnehha mill-

Kunsill tat-Tarzna minhabba l-irregolaritajiet indikati aktar qabel. Apparti l-fatt li kopja ta' din il-petizzjoni mhix fl-atti, u hemm biss il-kelma ta' l-attur li whud mill-membri tal-bordijiet imsemmija kienu ffirmaw il-petizzjoni, din il-Qorti tara li l-fatt li persuna titlob ir-rizenja jew it-tnehhija ta' xi hadd li jkun qed jokkupa posizzjoni ta' awtorita` minhabba allegazzjoni ta' irregolaritajiet, u dana f'gieh is-serjeta` li ghandu jkun marbut ma' dik il-kariga, ma jfissirx necessarjament li dik il-persuna ma tkunx idoneja biex tiggudika jekk dik il-persuna l-ohra kenitx fil-fatt hatja ta' dawk l-irregolaritajiet. Altru tghid li persuna, li kontra taghha saru allegazzjonijiet serji li fihom infushom jitfghu dell ikrah fuq il-kariga li tokkupa dik il-persuna, ghandha tirrizenja minn dik il-kariga; u altru li tiddeciedi formalment li dik il-persuna hi hatja ta' dak allegat kontriha. Ovvjament kollox jiddependi mic-cirkostanzi tal-kaz u, partikolarment, mill-mod kif dak li jkun esprima ruhu, ghax jekk l-allegazzjonijiet ikun gia` ghamilhom fatt, allura l-posizzjoni tista' tkun differenti. F'dan il-kaz, il-Qorti m'ghandhiex il-beneficcju li tezamina l-kontenut tal-petizzjoni, u, ghalhekk, ma tistax tiggudika jekk min iffirmaha hax diga` posizzjoni definittiva fil-kuntest ta' l-allegazzjonijiet diretti lejn l-attur. Ma jistax jinghad, li ghas-semplici fatt li membri tal-bordijiet talbu r-rizenja ta' l-attur minn membru tal-Kunsill ta' Tmexxija tat-Tarzna, allura dawk il-membri ma setghux ikun imparzjali, u dan minghajr ma tezamina l-kontenut tal-petizzjoni.

Lanqas il-fatt li l-attur, fil-proceduri ta' dixxiplina, talab li jressaq bhal xhieda l-impjegati kollha tat-tarzna, izda t-talba giet michud, ma ghandu jaghti lok ghat-thassir tad-decizjoni. Talba simili hija, *prima facie*, vessatorja u irragjonevoli, intiza biss biex tipprova tistultifika l-proceduri, u l-attur ma weriex li hu kien gustifikat jaghmel talba simili u li kien indispensabbli ghall-kaz tieghu li jitressqu l-haddiema kollha (li, dak iz-zmien kienu jghoddu madwar 4000 ruh).

L-oggezzjoni ta' l-attur fuq il-prezenza tas-Sur Albert Degabriele fuq il-bord tad-dixxiplina tidher, pero`, li hi gustifikata fid-dawl ta' kif svolgew l-affarijiet.

l-akkuzi fil-konfront ta' l-attur jidher li bdew wara *'surprise inspection'* li ufficjali gholja tat-Tarzna ghamlu fil-lejl bejn il-5 u s-6 ta' Gunju 1994, fejn instab li l-attur kien assenti minn fuq ix-xoghol waqt li l-*punch-card* tieghu kienet ippancjata ghalih minn haddiehor. Is-Sur Albert Degabriele gie mqabbad mit-Tarzna biex jezamina l-*punch-cards* ta' jiem precedenti (f'Mejju 1994) meta kien issuspettat li kien gara l-istess. Dan hejja rapport pjuttost tekniku fl-14 ta' Gunju 1994, fejn ikkonferma rregolaritajiet fil-*cards* ta' l-attur. Wara dawn il-provi, il-*management* tat-Tarzna, fit-22 ta' Gunju 1994, harget akkuza kontra l-attur a bazi ta' dawn l-irregolaritajiet allegati. Inholoq bord ta' dixxiplina li, pero`, ma setax ikompli jiffunzjona peress li kienu ttiehdu proceduri legali mill-attur fir-rigward, u dawn il-Qrati kienu anke hargu mandat ta' inibizzjoni biex iwaqqfu l-hidma ta' dak il-bord.

Wara dan, fis-6 ta' Dicembru 1994, inharget akkuza ohra kontra l-attur, simili ghal dik li kienet inhargitlu f'Gunju tal-1994. Ma jidhirx li din l-akkuza nharget a bazi ta' provi godda kontra l-attur, hlief li din id-darba kien hemm *affidavit* tal-komplici li lilu allegatament l-attur kien icempel biex jghaddilu l-*punch card* tieghu avvolja ma jkunx xoghol. Din id-darba, bhala membru tal-Bord ta' Dixxiplina tqieghed l-imsemmi Alfred Degabriele (dan ma kienx membru ta' l-ewwel bord kompost wara l-akkuza tat-22 ta' Gunju, 1994). Dan il-bord, fil-kors tad-deliberazzjonijiet tieghu, ezamina l-*cards* ta' l-attur, l-istess *cards* li qabel kienu gew ezaminati mis-Sur Degabriele fil-kwalita` tieghu ta' investigatur. Dan l-investigatur issa sar gudikant u tpogga f'posizzjoni li, fl-assenza ta' l-attur, seta' jinfluwenza b'mod dirett lill-membri l-ohra tal-bord bil-konkluzjonijiet tieghu. L-attur ma kellu ebda opportunita` jikkontrolla lil dan l-investigatur u l-konkluzjonijiet tieghu, peress li din l-istess persuna kienet issa qed tiggudikah. Il-bord li fuqu kien hemm s-Sur Degabriele ma bbazax ruhu biss fuq l-*affidavit* tal-komplici, ghax skond il-minuti tal-bord, "*during the board's deliberations, the board examined the following documents: (1) Mr L. Debono's Clock cards*". Kwindi, l-bord strah <u>ukoll</u> fuq dokumenti li qabel kienu gew ezaminati minn membru ta' l-istess bord fil-kwalita` tieghu ta' ufficjal investigattiv - u dan minghajr

ma l-investigazzjoni tieghu kienet soggetta ghall-kontroll ta' l-attur.

Fid-dawl tal-premess - maghdud ma’ indizji ohra li jirrizultaw mill-atti - din il-Qorti mhix konvinta li l-Bord tad-Dixxiplina li sab lill-attur hati ta' ksur tar-regolamenti tat-tarzna kien oggettivament imparzjali u kwindi taqbel mal-konkluzjoni milhuqa mill-ewwel Qorti.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell interpost mill-konvenuti billi tichad l-istess u tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjez jithallsu mill-konvenuti *in solidum*.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------